

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA  
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.9077 — PSPIB/Brookfield/QuadReal/BREP Brażil/Brookfield Brażil Retail)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2018/C 395/04)

1. Fit-23 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Public Sector Pension Investment Board ("PSPIB", il-Kanada),
- Brookfield Asset Management Inc. ("Brookfield", il-Kanada),
- QuadReal Property Group Limited Partnership ("QuadReal", il-Kanada), ikkontrollata mill-British Columbia Investment Management Corporation ("BCI", il-Kanada),
- BREP Brażil Private Limited ("BREP", Singapore), ikkontrollata minn GIC Realty Private Limited ("GIC Realty", Singapore),
- Brookfield Brażil Retail Fundo de Investimentos em Participações Multiestratégia ("Brookfield Brażil Retail Fund", il-Brażil).

PSPIB, Brookfield, QuadReal u BREP jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3 (4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Brookfield Brażil Retail Fund, bħalissa kkontrollata minn Brookfield.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' kuntratt.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- PSPIB: ġestjoni ta' investiment tal-pensjonijiet b'portafoll dinji diversifikat inklużi ishma, bonds u titoli oħra bi dħul fiss, kif ukoll investimenti f'ekwità privata, proprjetà immobbli, infrastruttura, riżorsi naturali u dejn privat;
- Brookfield: investiment fil-proprjetà immobbli, l-infrastruttura, l-enerġija rinnovabbli u l-ekwità privata,
- QuadReal: ġestjoni tal-assi tal-proprjetà immobbli u servizzi relatati lill-British Columbia Investment Management Corporation,
- BREP: is-sjeda ta' assi ta' proprjetà immobbli miżmuma minn GIC Realty f'isem il-Gvern ta' Singapore,
- Brookfield Brażil Retail Fund: indirettament sid u tħaddem ċentri kummerċjali fil-Brażil.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9077 — PSPIB/Brookfield/QuadReal/BREP Brażil/Brookfield Brażil Retail

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.